# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2016**

**Kawża Numru 45**

**Rik. Nru. 78/15JRM**

**BANIF BANK (MALTA) p.l.c.** (C-41030)

vs

**CASSAR & SCHEMBRI (MARKETING) LIMITED** (C-33174) bħala l-kumpannija debitriċi prinċipali; Ryan Schembri u b'degriet tat-13 ta' Awwissu, 2015, l-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil inħatru Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lil Ryan Schembri, assenti minn Malta; Angie Schembri; Etienne Cassar; Natalie Carmen Cassar; Mario Schembri; Alfreda Schembri; M & R Construction Ltd (C-37461); Isaac Enterprises Ltd. (C-48923); Food World Ltd. (C-51148); More Supermarkets (Ħamrun) Ltd. (C-57252); More Supermarkets (Mosta) Ltd. (C-60925); More Supermarkets (Fgura) Ltd. (C-61496); More Supermarkets (P. Ville) Ltd. (C- 61504), ilkoll bħala garanti *in solidum* mal-kumpannija debitriċi prinċipali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-29 ta' Jannar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Bank attur talab li din il-Qorti (a) taqta' u tiddeċiedi l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet u effetti kollha tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet

ta' Malta; (b) issib li kull wieħed mill-imħarrkin Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Ryan Schembri, Angie Schembri, Etienne Cassar, Natalie Carmen Cassar, Mario Schembri, Alfreda Schembri u Food World Limited għandhom jagħtu lill-Bank attur is-somma ta' miljun sitt mija u tmienja u ħamsin elf disa' mija u ħamsa u tletin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€ 1,658,935.85) rappreżentanti l-bilanċi għad-debitu dwar faċilita' bankarja ta' self minnu mogħtija lill-kumpannija mħarrka Cassar & Schembri (Marketing) Limited, bħala d-debitriċi prinċipali; (ċ) issib li kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin M & R Construction Limited u Isaac Enterprises Limited għandhom jagħtu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' erba' mitt elf euro (€ 400,000) kull waħda minnhom; (d) issib li kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin More Supermarkets (Ħamrun) Limited, More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited u More Supermarkets (P.Ville) Limited għandhom jagħtu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' tliet mija u tmenin elf euro (€ 380,000) kull waħda minnhom; (e) tikkundanna lil kull wieħed mill-imħarrkin Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Ryan Schembri, Angie Schembri, Etienne Cassar, Natalie Carmen Cassar, Mario Schembri, Alfreda Schembri u Food World Limited iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' miljun sitt mija u tmienja u ħamsin elf disa' mija u ħamsa u tletin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€ 1,658,935.85); (f) tikkundanna lil kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin M & R Construction Limited u Isaac Enterprises Limited jħallsu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' erba' mitt elf euro (€ 400,000) kull waħda minnhom; u (ġ) tikkundanna lil kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin More Supermarkets (Ħamrun) Limited, More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited u More Supermarkets (P.Ville) Limited jħallsu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' tliet mija u tmenin elf euro (€ 380,000) kull waħda minnhom. Talab ukoll l-ispejjeż, magħduda t-tariffi tal-Bank u l-imgħaxijiet kif miftehma bejn il-Bank u l-imħarrkin u kif imfissra fl-istess Rikors Maħluf, filwaqt li żamm sħiħ kull jedd ta' azzjoni oħra li jista' jieħu kontra l-imħarrkin jew min minnhom;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2015[1], li bih u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-Bank attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Banif"), ordnat in-notifika għall-finijiet tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-imħarrkin li jinsabu f'Malta u ħatret Kuraturi Deputati biex jidhru għall-imħarrek assenti Ryan Schembri;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Kuraturi Deputati fid-9 ta' Settembru, 2015, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li ma kienu għadhom jafu xejn dwar il-każ u li, f'kull każ, il-kawża ma setgħetx tibqa' titmexxa bil-proċedura sommarja speċjali. Għall-finijiet u effetti tal-liġi qalu li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa u li, f'kull każ, li kieku l-Qorti

[1] Paġ. 269 tal-proċess

kellha tiċħad l-eċċezzjonijiet tagħhom, jekk jirriżulta li Banif hu kreditur ta' xi ammont, għandu jitħadddem il-benefiċċju tal-eskussjoni jew tal-qsim tad-dejn skond il-liġi;

Semgħet ix-xhieda tal-Marixxall John Micallef[2] għall-finijiet tal-artikoli 187 u 188 tal-Kap 12;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2016[3], li bih iddikjarat imwettaq il-proċess tan-notifiki u li l-imħarrkin kollha, minbarra l-Kuraturi Deputati, kienu baqgħu kontumaċi;

Rat il-provvediment mogħti minnha kameralment fil-21 ta' April, 2016[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ċaħdet it-talba ta' wħud mill-kumpanniji mħarrkin f'rikors tagħhom tal-25 ta' Jannar, 2016, biex issib li n-notifika tagħhom ma saritx skond il-liġi, u biex tieqaf tisma' l-kawża ("soprasessjoni") sakemm idum miexi l-proċess ta' stralċ tal-kumpannija mħarrka Cassar & Schembri (Marketing) Limited, id-debitriċi prinċipali ta' Banif fil-faċilita' bankarja mertu ta' din il-kawża;

Semgħet ix-xhieda ta' Banif;

Rat in-Nota mressqa minn Banif waqt is-smigħ tal-31 ta' Mejju, 2016[5], li biha wriet li, matul is-smigħ tal-kawża, kien sar ħlas minn terz ta' biċċa mis-somma mitluba fir-Rikors Maħluf u li l-bilanċ dovut kien niżel għal miljun sitt mija u tmienja u erbgħin elf u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 1,648,072.35), minbarra l-imgħaxijiet u spejjeż legali mitluba fl-istess att promotur;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2016[6], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lil Banif żmien biex iressaq Nota ta' Riferenzi dwar sottomissjonijiet magħmulin mill-għaref difensur tal-kumpanniji mħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa minn Banif fid-29 ta' Lulju, 2016[7]

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---
[2] Paġ. 332 tal-proċess
[3] Paġ. 334 tal-proċess
[4] Paġġ. 356 – 362 tal-proċess
[5] Paġ. 366 tal-proċess
[6] Paġ. 368 tal-proċess
[7] Paġ. 369 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kreditu mnissel minn faċilita' bankarja. Banif irid li l-imħarrkin iħallsu lura l-bilanċi li fadallu jieħu minn faċilitajiet bankarji mitluba mill-kumpannija mħarrka Cassar & Schembri (Marketing) Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "id-debitriċi ewlenija") u lilha mogħtijin, wara li naqset li tħallas f'waqthom ir-rati ta' ħlas miftehma. Id-debitriċi ewlenija kienet ressqet lill-imħarrkin l-oħrajn bħala garanti *in solidum* tar-rabtiet tagħha ma' Banif u l-Bank qiegħed jitlob li l-garanti wkoll jagħmlu tajjeb għal dak li d-debitriċi ewlenija baqgħet ma ħallsitx;

Illi għal din l-azzjoni, bosta mill-imħarrkin baqgħu ma ikkontestawx l-azzjoni attriċi u baqgħu kontumaċi;

Illi l-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-assenti mħarrek Ryan Schembri (wieħed mid-diretturi tad-debitriċi ewlenija u wieħed minn fost il-bosta garanti tagħha) laqgħu billi, għalkemm qalu li ma kienu jafu xejn dwar il-każ, qalu li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa u li, f'kull każ, li kieku l-Qorti kellha tiċħad l-eċċezzjonijiet tagħhom, jekk jirriżulta li Banif hu kreditur ta' xi ammont, għandu jitħaddem il-benefiċċju tal-eskussjoni jew tal-qsim tad-dejn skond il-liġi;

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li d-debitriċi ewlenija talbet u kisbet mingħand Banif faċilitajiet bankarji ta' self u kreditu. Bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-4 ta' April, 2011[8], fl-atti tan-Nutar Reuben Debono, Banif ta lill-kumpannija debitriċi ewlenija self ta' miljun euro (€ 1,000,000) u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra u miftehma, liema somma kellha titħallas lura fi żmien ħames (5) snin, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet li jwasslu biex is-somma jew xi bilanċ minnha jintalab qabel;

Illi dakinhar ukoll, b'kuntratt pubbliku ieħor fl-atti tal-istess Nutar Pubbliku[9] Banif ta lid-debitriċi ewlenija faċilita' ta' *overdraft* (imsejjaħ ukoll "*credit line*") għas-somma massima ta' sitt mija u għoxrin elf euro (€ 620,000) u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra u miftehma, b'riferenza għall-ftehim ta' kreditu tat-3 ta' Frar, 2011[10]. Bis-saħħa ta' ftehim ta' kreditu tal-1 ta' Novembru, 2013[11], Banif wessa' l-faċilita' ta' *credit line* lid-debitriċi ewlenija sal-ogħla somma ta' miljun euro (€ 1,000,000);

[8] Dok "B", f'paġġ. 23 sa 46 tal-proċess
[9] Dok "Ċ", f'paġġ. 47 sa 60 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġġ. 12 – 22 tal-proċess
[11] Dok "D", f'paġġ. 61 – 72 tal-proċess

Illi fil-21 ta' Frar tal-2014[12], Banif reġa' ta lid-debitriċi ewlenija faċilita' oħra ta' self għal tliet mitt elf euro (€ 300,000) taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija u li kellha tintradd lura fi żmien tliet (3) xhur minn meta tittieħed, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet oħra li jwasslu biex is-somma misselfa jew il-bilanċ jintalab qabel;

Illi fir-rigward tal-ewwel żewġ faċilitajiet imsemmija, l-imħarrkin l-oħrajn intrabtu mad-debitriċi ewlenija bħala garanti solidali għat-twettiq tar-rabtiet kuntrattwali tagħha ma' Banif[13];

Illi d-debitriċi ewlenija bdiet taqa' lura fil-ħlasijiet[14] u f'Awwissu tal-2014[15], Banif bagħat jitlobha tirregolarizza l-ħlasijiet tagħha. Billi l-qagħda baqgħet ma tjibitx, Banif bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin f'Settembru tal-2014[16];

Illi Banif fetaħ din il-kawża fid-29 ta' Jannar, 2015;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> li jolqtu l-każ, il-Qorti tibda biex tgħid li jidher li dwar is-somom pretiżi minn Banif ma hemmx kontestazzjoni serja. Huwa minnu li l-Kuratur Deputati biex jidhru għall-imħarrek assenti Ryan Schembri jeċċepixxu li l-ammont mhumiex dovuti, imma ma għamlu xejn aktar minn hekk matul il-kawża biex isaħħu l-eċċezzjoni tagħhom. Huwa minnu li jaqa' fuq Banif li jipprova l-kreditu pretiż minnu, imma tal-anqas kien mistenni li min jgħid li s-somma mitluba mhijiex dovuta jgħid imqar għaliex;

Illi f'kull każ, Banif seħħlu juri li d-debitriċi ewlenija ngħatat il-faċilitajiet li talbet u wera wkoll xi ħlasijiet saru u x'kienu dawk li baqgħu ma sarux. Banif ressaq xhud ukoll biex tixhed dwar l-ammonti li baqgħu ma tħallsux u saħansitra ressaq Nota biex inaqqas il-pretensjoni wara li daħal ħlas magħmul minn terz għall-kreditu tal-kontijiet imsemmija;

Illi fir-Rikors Maħluf, Banif jagħmilha ċara li s-somom li qiegħed jitlob jinkludu fihom l-imgħaxijiet miġmugħa sa żmien partikolari fuq il-kapitali mhux imħallsin, skond il-prattika bankarja u skond il-kundizzjonijiet miftehma u aċċettati tal-faċilitajiet mogħtija;

Illi dwar il-kwestjoni jekk is-somma pretiża minn Banif hijiex tabilħaqq dovuta, joħroġ mill-provi li l-ftehim magħmul bejn id-debitriċi ewlenija u Banif (ġeneralment imfissra fil-klawsoli ta' dak li jissejjaħ il-'*credit agreement*') kien jagħmilha ċara li t-twaqqif min-naħa tal-klijent tal-

12 Dok "E", f'paġġ. 73 – 9 tal-proċess
13 Dokti "L" sa "E1", f'paġġ. 99 sa 258 tal-proċess
14 Dokti "F" sa "J", f'paġġ. 80 sa 91 tal-proċess
15 Dok "F1", f'paġ. 259 tal-proċess
16 Dok "G1", f'paġġ. 260 – 2 tal-proċess

ħlasijiet miftehma jew li l-klijent jaqa' lura fil-ħlasijiet kien jikkostitwixxi raġuni ta' dekadenza jew nuqqas;

Illi il-liġi titfa' sanzjonijiet fuq min, minkejja li jkun intrabat li jagħmel xi ħaġa, jonqos li jagħmilha fiż-żmien miftiehem[17], u jsir moruż bil-fatt waħdu li jkun għadda dak iż-żmien[18]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[19] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[20], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[21]. Fil-każ ta' obbligazzjonijiet fejn l-oġġett ikun biss il-ħlas ta' somom determinati, id-danni li l-kreditur jista' jitlob ikunu jikkonsistu fl-imgħax fuq il-bilanċ dovut[22], determinat skond kif miftiehem bejn il-partijiet jew permissibbli skond il-liġi[23]. Dawn l-imgħaxijiet ikunu jistgħu jintalbu bis-saħħa tad-dewmien innifsu, bla ma l-kreditur għandu għalfejn juri li ġarrab xi telf minħabba l-fatt li d-debitur tiegħu jkun waqa' lura fil-ħlas[24];

Illi l-fatt waħdu li debitur jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas b'rati li jkunu miftehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu ma jwassalx għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata ż-żmien għall-ħlas lid-debitur[25]. Min-naħa l-oħra, il-bdil fil-qagħda tad-debitur li jwassal għall-periklu li l-kreditu ma jitħallasx irid ikun aktar minn sempliċi frott ta' dubju, suspett jew tħassib dwar is-solvibilita' tad-debitur[26]. Min-naħa l-oħra, il-fatt waħdu li d-debitur ikun ressaq garanti biex jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni tiegħu jew ikun ta lill-kreditur garanzija (b'xi ipoteka jew privileġġ) ma jfissirx li l-kreditur ma jista' qatt imexxi għall-ħlas tal-obbligazzjoni jew li jserraħ moħħu fuq l-eżistenza tal-garanti jew tal-garanzija. Għall-kuntrarju, in-nuqqas tal-kreditur li jmexxi b'għaqal il-pretensjonijiet tiegħu kontra d-debitur tista' twassal għall-konsegwenza li l-garanti jinħeles mir-rabta tiegħu jekk kemm-il darba ma jkunx jista' jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur bi ħtija ta' dan[27];

Illi Banif seħħlu juri li d-debitriċi ewlenija ġabet ruħha miegħu b'mod li jwassal għat-tħaddim ta' klawsoli ta' dekadenza li dwarhom l-istess kumpannija mħarrka kienet qablet u kienet aċċettat bla ebda riżerva.

[17] Art. 1125 tal-Kap 16
[18] Art. 1130(1) tal-Kap 16
[19] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[20] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[21] Art. 1135 tal-Kap 16
[22] Art. 1139 tal-Kap 16
[23] Art. 1855A tal-Kap 16
[24] Art. 1140 tal-Kap 16
[25] Ara, per eżempju, P.A. **26.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Vella Muscat*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.948)**
[26] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***J Grima & Sons Ltd. vs Anton Aġius***
[27] Art. 1959 tal-Kap 16

Seħħlu juri wkoll li l-imġiba tad-diretturi tad-debitriċi ewlenija kienet wasslet biex l-attivita' kummerċjali tal-istess debitriċi tieqaf bi ħsara għal bosta kredituri. Matul is-smigħ tal-kawża ħareġ ukoll li tnedew proċeduri li jwasslu għax-xoljiment u stralċ tal-istess debitriċi. Fil-fehma tal-Qorti, dawn huma raġunijiet tajbin u serji biżżejjed biex jiskattaw il-jedd ta' Banif li jinvoka favurih il-klawsoli miftehma tat-talba minnufih tal-bilanċi li fadallu jieħu;

Illi wara li fliet b'reqqa l-provi dokumentali mressqa, il-Qorti hija sodisfatta li s-somma li Banif għad irid jitħallas bħala bilanċ mill-faċilitajiet bankarji mogħtijin lilu lid-debitriċi ewlenija jitla' għal miljun, sitt mija u tmienja u erbgħin elf u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 1,648,072.35), u l-imgħaxijiet fuq dik is-somma kif stipulati fil-kuntratti;

Illi dwar ir-rati ta' mgħax li l-Banif qiegħed jitlob, dawn joħorġu mill-ftehim ('*credit agreements*') li l-imħarrek iffirma qabel ma ngħata l-faċilitajiet li huwa kien talab. Banif għażel li jfisser l-imgħaxijiet u r-rati rispettivi tagħhom fir-Rikors Maħluf u l-Qorti qabblithom mal-klawsoli tal-ftehim u ssib li dawn huma minnhom ukoll;

Illi l-Kuraturi Deputati wkoll qajmu l-eċċezzjoni li, f'kull każ, il-bilanċ li l-Qorti ssib li huwa dovut għandu jkun maqsum bil-benefiċċju tal-eskussjoni jew bil-benefiċċju tal-qsim tad-dejn skond il-liġi. Il-Qorti tosserva li, minkejja li qajmu l-imsemmija eċċezzjoni, il-Kuraturi Deputati ma fissrux għal liema raġuni l-Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni tagħhom jew x'kienu l-kundizzjonijiet li minħabba fihom kellha tħaddem l-imsemmija regoli;

Illi ma hemmx dubju li l-kostitwent tal-Kuraturi Deputati f'din il-kawża, li nzerta wkoll huwa wieħed mid-diretturi tad-debitriċi ewlenija, u l-imħarrkin l-oħrajn bħala garanti tal-istess debitriċi ewlenija, ilkoll intrabtu lejn Banif solidalment mal-istess debitriċi ewlenija. Huwa magħruf li, f'rabtiet kummerċjali, ir-rabta ta' bosta persuni dwar l-istess obbligazzjoni tippreżumi s-solidarjeta'[28]. Minbarra dan, huwa meqjus li rabta ta' garanzija solidali dwar obbligazzjoni kummerċjali ġġib lill-garanti bħala "*correus debendi*"[29] b'mod illi kull wieħed mill-garanti jgħoddu għalih ir-regoli tal-kondebituri solidali[30];

Illi ladarba dan huwa l-każ, il-benefiċċju ta' eskussjoni jew tal-qsim tad-dejn li jeċċepixxu l-Kuraturi Deputati ma jiswiex u ma jistax iseħħ għaliex il-liġi nnifisha teskludih fejn il-garanti – bħalma kien il-kostitwent tal-

[28] Art. 115(1) tal-Kap 13
[29] Ara App. Inf. PS **5.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ & Aquilina Ltd vs John Cuschieri et***
[30] App. Kumm. **2.12.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.560)**

imsemmija Kuraturi u bħalma huma l-imħarrkin l-oħrajn kollha – kien intrabat mad-debitriċi ewlenija favur Banif bħala garanti solidali[31];

Illi għalhekk, l-imsemmija eċċezzjoni mhijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Illi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq l-għaref difensur tal-kumpanniji mħarrkin issottometta li l-patroċinati tiegħu, bħala garanti, ma jmisshomx jerfgħu ukoll il-piż kollu tal-ispejjeż li Banif qiegħed jitlob flimkien mal-kapital u l-imgħaxijiet tas-somom li għad baqagħlu jitħallas;

Illi biex jirribatti din is-sottomissjoni, Banif ressaq Nota ta' Riferenzi u seħaq li r-rabtiet li saru bejnu u l-imħarrkin garanti kienu jagħmluha ċara li l-garanzija kienet testendi wkoll għall-ispejjeż;

Illi l-Qorti jidhrilha li s-sottomissjoni mhijiex tajba. Fl-ewwel lok, il-liġi tgħid li meta l-garanzija tingħata fi kliem ġenerali għall-obbligazzjoni ewlenija, tkun ingħatat ukoll għal kulma huwa aċċessorju għad-dejn li jkun[32], u safejn jidħlu l-ispejjeż li l-kreditur jidħol għalihom biex jitħallas tali dejn, dawn jaqgħu taħt ir-rabta tal-istess garanzija, ladarba qabel ma jibda l-atti biex jinġabar tali dejn, il-kreditur ikun talab il-ħlas lill-garanti b'att ġudizzjarju[33] li saħansitra l-ispejjeż tiegħu jmorru wkoll mal-ispejjeż li jidħlu fil-garanzija[34]. Mill-provi fl-atti ħareġ li l-garanzija solidali li taw l-imħarrkin garanti kienet waħda li tiġbor fiha espressament "*on a full indemnity basis all costs, charges, fees and expenses incurred or charged by the Bank in, or incidental to, the preservation or enforcement of this Guarantee, including the costs of any proceedings in relation to this guarantee or the debt*"[35]. Dak il-kliem huwa ċar biżżejjed bla ma hemm għalfejn wieħed ifettaq aktar dwaru. Fit-tieni lok, għar-raġunijiet li ssemmew aktar qabel meta l-Qorti kienet qiegħda tqis l-eċċezzjoni mqajma mill-Kuraturi Deputati, ladarba l-garanti solidali f'obbligazzjoni kummerċjali jieħu l-personalita' ta' kondebitur, ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandux jerfa' wkoll b'mod solidali l-piż tal-ispejjeż marbuta mat-talba tal-ħlas magħmula mill-kreditur dwar id-dejn jew l-obbligazzjoni ewlenija li għaliha tkun ingħatat il-garanzija. Dan, naturalment, ma jnaqqas xejn mill-jedd tal-garanti mfittex mill-kreditur li, fiċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi[36], idur kontra l-garanti l-oħrajn jew min minnhom biex iħallas sehemu[37], jew idur kontra d-debitur ewlieni talli jkun refa' f'ismu l-ħlas tal-obbligazzjoni[38];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[31] Art. 1935(b) tal-Kap 16
[32] Art. 1930(1) tal-Kap 16
[33] Art. 1930(2) tal-Kap 16
[34] Art. 1930(3) tal-Kap 16
[35] Klawsola 17(a) ara Dok "L" f'paġ. 104 tal-proċess
[36] Art. 1948 tal-Kap 16
[37] Art. 1949 tal-Kap 16
[38] Art. 1942 tal-Kap 16

**Tastjenti milli tqis aktar l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2015;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Kuraturi Deputati bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li kull wieħed mill-imħarrkin Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Ryan Schembri, Angie Schembri, Etienne Cassar, Natalie Carmen Cassar, Mario Schembri, Alfreda Schembri u Food World Limited għandhom jagħtu lill-Bank attur is-somma kif imnaqqsa ta' miljun sitt mija u tmienja u erbgħin elf u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 1,648,072.35), rappreżentanti l-bilanċi tad-debitu f'kontijiet ta' faċilitajiet bankarji mogħtijin lill-kumpannija mħarrka Cassar & Schembri (Marketing) Limited, bħala debitriċi prinċipali, mill-istess Bank attur, flimkien mal-imgħaxijiet miftehma miġmugħa fuq l-istess bilanċi sas-16 ta' Jannar, 2015;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u ssib li kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin M & R Construction Limited u Isaac Enterprises Limited għandhom jagħtu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' erba' mitt elf euro (€ 400,000) kull waħda minnhom;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u ssib li kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin More Supermarkets (Ħamrun) Limited, More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited u More Supermarkets (P.Ville) Limited għandhom jagħtu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' tliet mija u tmenin elf euro (€ 380,000) kull waħda minnhom;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tikkundanna lil kull wieħed mill-imħarrkin Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Ryan Schembri, Angie Schembri, Etienne Cassar, Natalie Carmen Cassar, Mario Schembri, Alfreda Schembri u Food World Limited iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' miljun sitt mija u tmienja u erbgħin elf u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 1,648,072.35), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-17 ta' Jannar, 2015, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lil kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin M & R Construction Limited u Isaac Enterprises Limited jħallsu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' erba' mitt elf euro (€ 400,000) kull waħda minnhom, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmi ammont b'seħħ mis-17 ta' Jannar, 2015, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' s-seba' talba attriċi** u tikkundanna lil kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin More Supermarkets (Ħamrun) Limited, More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited u More Supermarkets (P.Ville) Limited jħallsu lill-Bank attur l-ammont minnhom garantit ta' tliet mija u tmenin elf euro (€ 380,000) kull waħda minnhom, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmi ammont b'seħħ mis-17 ta' Jannar, 2015, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**. L-imgħaxijiet għandhom jinħadmu kif mitluba mill-Bank attur fir-Rikors Maħluf.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Ottubru, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**20 ta' Ottubru, 2016**